**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Julian Calleja**

Kaz Numru: 43/2014

Illum 29 ta' Settembru 2015

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Julian Calleja**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Angelo Joseph u Bernarda nee' Camilleri, imwieled Rabat, Ghawdex nhar id-19 ta' Ottubru, 1984, residenti fil-fond 'Tan-Naboku', Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4584(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-tlieta (3) u l-erbgha (4) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) f'xi hin bejn il-hdax u nofs ta' billejl (11:30p.m.) u s-siegha neqsin ghoxrin ta' filghodu (00:40a.m.) waqt li kien qieghed fi Triq ta' Lambert, Xewkija, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. Ikkommetta serq ta' diversi litri ta' diesel minn vettura tal-ghamla Leyland DAF, bin-numru tar-registrazzjoni LHQ 016, liema serq

huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-lok, bil-vjolenza u bil-hin u dan sar ghad-dannu ta' John Cauchi u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dottor Neville Camilleri LL.D. fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) fuq garanzija personali ta' hamest elef ewro (€5,000), f'dan illi jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mit-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30p.m.) u ma johrogx qabel is-sebgha (7:00a.m.) tal-ghada filghodu u li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Il_Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Julian Calleja u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' hamest elef ewro (€5000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Illi wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Mejju 2015 l-atti tal-kawza l-Pulizija vs Julian Calleja, Appell Numru 268/2014,

intbaghtu lura sabiex din il-Qorti tittratta mal-imputat skont il-ligi gharreati li dwarhom kien sar l-Ordni ta' Probation fis-16 ta' Marzu 2013.

Rat il-*pre sentencing report* redatt mill-ufficjal tal-probation inkarigat ghal dan il-ghan.

Il-prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza hi alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn sar qbil li l-imputazzjonijiet tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) thallset il-multa ta' elef ewro (€1000) u ghalhekk il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunisdrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti hasbet fit-tul u hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom li minn dakinnhar li originarjament kien issentenzjat l-imputat ghaddew aktar minn sentejn u nofs fejn zviluppaw cirkostanzi godda f'hajjet l-imputat fejn illum hu missier ta' tarbija ta' sitt xhur.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor.

[1] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta' zmien.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkonsidrat**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

**Ikkunisdrat**

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati ta' certu gravita. Il-Qorti se taghti cans ghall-ahhar darba lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba li qabad.

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[3]:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 262(1)(b), 263, 269(c), 270, 271(g), 277(b) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat Julian Calleja **sena (1) prigunerija li**

[3] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

**b'applikazzjoni ta'l-artkolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin.**

____________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**